L-EWWEL KTIEB
TAL-HAMSA U GHOXRIN SENA

MARZU
1949.

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

**KULL TLIET XHUR**

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

L-EDITUR — Il-Għaqda Faċċ. 3
Ġ. CASSAR PULLICINO — Dun Ġwann Cachia ,, 6
A. BUTTIGIEG, B.A., LL.D. — *Il-Għanja taċ-Ċaqliq* ,, 11
A. CREMONA — *Kelb Xiħ tal-Għassa* ,, 13
IVO MUSCAT AZZOPARDI — Francesco Azopardi ,, 15
GEORGE ZAMMIT, B.A., LL.D. — *Il-Fergħa tas-Sagħtar* ,, 23
KARMENU VASSALLO — *L-Infern tal-Midneb* ,, 24
ALBERT M. CASSOLA — Pape Satan Aleppè ,, 26
"Sherry Party" lill-President ,, 31
Reċensjonijiet ,, 32

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-HAMSA U GHOXRIN SENA 1949.

———:0:———

Stamperija tąd-Dar ta' S. Ġużepp.
Hamrun.
MALTA — 1949.

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA* *TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — MARZU 1949

# *IL-GHAQDA*

*IL-GHAQDA hi dik il-qawwa li żżomm il-ħbieb annuna, tagħti ħajja lix-xirkiet u tnissel ħeġġa u ħrara fil-ħidma tagħhom. Kull moviment jimxi u jgħaddi 'l quddiem jekk ikun hemm għaqda u annuna bejn dawk li jħabirku għalih u kull ħidma sseħħ jew le, skond jekk jaqblu bejniethom jew le, dawk li jkunu jwettquha.*

*Il-bniedem minnu nnifsu jħobb jixxierek ma' oħrajn bħalu; din hi ġibda li jħossha kulħadd, għax kull wieħed minna jġarrab hena u faraġ meta jkollu ma' min jiftaħ qalbu mhux biss fid-dwejjaq, iżda wkoll fil-ferħ u fit-tigrib kollu tal-ħajja. Barra dan, il-għaqda bejn il-ħbieb għandha effett ieħor: hi ġġagħalhom jinxteħtu aktar bil-ħrara għax-xogħol li jkunu ndaħlu għalih, għax bil-għajnuna ta' xulxin u bil-qalb u ħajra li jagħmlu wieħed lill-ieħor, iżidu l-ħila, iwettqu l-fehma u jqawwu r-rieda ta' xulxin.*

*Imma l-għaqda ma tiswiex biss biex tħeġġeġ lill-imxerkin għal ħidma aqwa u aħjar; hi sseddaq, ixxettel, tkattar u ssaħħaħ kull moviment, ideal jew skop li jitwaqqaf fost il-popli jew il-ġnus. Għax kull moviment jew ideal jagħmel impressjoni fil-ħajja soċjali skond il-għaqda fost dawk li jsostnuh; ħafna movimenti ntemmu rqiq irqiq ħtija ta' twegħir jew ġlied li jinqala' bejn il-promoturi jew is-segwaċi tal-moviment.* L'union fait la force *igħidu l-Franċiżi u tassew li fejn ikun hemm l-unjoni ssib il-qawwa u ħeġġa fost l-imxerkin, u saħħa u sedqa tax-xirka. La darba hu hekk, l-imseħbin f'kull xirka huma fid-dmir li jagħmlu minn kollox biex ma jħallux inin u jintefa dak in-nar ta' ħeġġa ta' bejniethom, għax jekk ma jżommux ruħhom annuna, iżda kull wieħed minnhom jibda jiġbed għal rasu, l-ewwel ma jbatu huma nfushom u mbagħad iħassru u jisfrattaw l-iskop li għalih huma jkunu qegħdin jaħdmu.*

*Biex il-għaqda tibqa' sħiħa u qawwija jeħtieġ li kull wieħed minn l-imseħbin joqgħod għalli tgħid jew trid il-għaqda u ma jfittixx li jimponi l-fehma tiegħu fuq sħabu u anqas ma għandu jħabrek u jħaqqaq biex dejjem tgħaddi tiegħu; għandna niftakru li mitt bniedem mitt fehma u jekk il-fehmiet jixxewxu għal xulxin ma jistax ma jinqalax taħwid u ġlied kbir. B'daqshekk ma rridx infisser li wieħed imxierek jew imsieħeb f'għaqda ma għan-*

*dux ikollu l-fehma tiegħu, imma dik il-fehma ma għandux iwikkiha lil sħabu u fuq kollox ma jħallihiex titfa' taħtha l-fehma ewlenija li għaliha tkun twaqqfet ix-xirka. Jekk wieħed irid jaħdem bla qerq u bla għelt u jixtieq biss jaħdem għall-ġid tal-Għaqda, jixraq li fejn jeħtieġ imejjel rasu għar-rieda tal-kotra u jiċċaħħad mill-ġibdiet tiegħu, biex jimxi għal għajn il-għaqda. Niftakru li min imidd għonqu biex jidħol f'xi għaqda jew xirka, ikun impliċitament wiegħed li joqgħod għal dak li trid ix-xirka, u barra dan, ikun wiegħed ukoll li għandu jagħmel dmiru biex iġib ix-xirka 'l quddiem, iżda dan ma jkunx jista' jagħmlu jekk b'għemilu jġib jew iqanqal taħwid, twegħir u ġlied li jispiċċaw biex jeqirdu kollox.*

*Meta wieħed jissieħeb f'xirka jindaħal għal ħafna dmirijiet: dmirijiet dwar ħwejjeġ li jeħtieġlu jagħmel u dwar oħrajn li jeħtieġlu jaħrab minnhom bħalma, ngħidu aħna ,il-għira u r-regħba; dik hi s-susa li tgħawwar il-qalb, u din hi d-dalma li tagħmi l-moħħ, u meta 't-tnejn jirkbu lill-imseħbin, ix-xirka taqa' bħal xkora fiergħa.*

*Il-"Għaqda" tagħna kienet xxurtjata għax sa mill-bidu tat-twaqqif tagħha kellha membri dejjem għalenija u dejjem ħabrieka għall-ġid tagħha. Fost il-membri tagħna hemm rabta ta' ħbiberija u ta' rġulija li swiet mhux ftit biex wasslet il-"Għaqda" f'din il-pożizzjoni ta' ġieh u qima li l-lum tgawdi fost il-poplu tal-Gżira u fost il-għorrief barranin ukoll; fi tletin sena ta' ħajja, il-"Għaqda tal-Kittieba" kisbet ir-rispett tal-Gvern u ta' l-Awtoritajiet u ntrefgħet fost l-aqwa korpi kostitwiti ta' Malta. Jien jidhirli li l-"Għaqda" waslet fejn waslet il-lum bis-saħħa ta' l-armonija u l-ftehim fost il-membri u sakemm dan il-ftehim jibqa', ir-riżq tal-"Għaqda" ma jonqosx.*

*Jiena dejjem kont norbot fuq din il-għaqda ta' bejnietna, iżda dan l-aħħar kelli prova ħajja ta' kemm din il-għaqda hi mħeġġa u mnissla mill-qalb. Ftit ilu kelli okkażjonijiet ta' ferħ u l-Membri sħabi tal-"Għaqda" urewni qalbhom, fawra ta' ħrara u ta' ħbubija; lil dawk l-okkażjonijiet ta' ferħ tawhom sura ta' wirja tas-solidarjetà li hemm bejnietna. Kitbuli ħafna ittri mimlijin b'sentimenti l-aktar ħelwin, kollha mqanqlin minn ħbiberija l-aktar safja u mseddqin mill-ġibda ta' għożża li jħossu lejn il-"Għaqda" tagħna. Din li ġejja hi biċċa minn ittra li bagħatli Piju K. Rapa O.P., ħu l-magħruf skrittur Franġiż Laurent Ropa*

*u wieħed mill-Membri Akkademiċi tal-"Għaqda", u hi xbieha ta' bosta ittri oħra li wasluli mill-Membri l-oħra:—*

"...... Ma rridx iżda nonqos nagħmel bil-kitba dak li ma nistax bil-kliem. L-għoti tal-M.B.E. lill-persuna tiegħek tferraħni bħala Malti li jifraħ bil-kobor ta' ħutu l-Maltin u bħala Membru tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li jifraħ u jitkabbar meta jara li l-President ta' dik il-"Għaqda", li ħadmet u għadha taħdem għall-ġieh u għall-kobor ta' l-ilsien Malti, ikun magħruf u mfaħħar għall-ħidmiet tiegħu fil-qasam tal-għerf u tal-ġid għall-poplu. Il-ġieh mogħti lilek bħala President ta' din il-"Għaqda" huwa ġieh li jaqa' fuq il-"Għaqda" wkoll u, inżid, fuq l-ilsien Malti wkoll. Jekk inti ktibt bil-Malti, jekk inti ħdimt u qbiżt għall-Malti, jekk inti ilek is-snin tmexxi l-aqwa "Għaqda" ta' l-ilsien Malti, dana inti m'għamiltux għax ma tinqalax f'ħaġa oħra, imma biss għax bħala Malti ħassejtu dmir tiegħek li tagħmel hekk. Il-ħaqq u s-sewwa rebħu għax sabu min iħobbhom nies tal-fasla tiegħek. Jiena nifraħlek minn qiegħ qalbi u nifraħlek f'isem ħija, Laurent Ropa, ukoll u nixtieqlek li tgħaddi 'l quddiem fil-ħidma qaddisa għall-kobor ta' l-Ilsien u tal-Poplu Malti......"

*Dawn huma, bejn wieħed u ieħor, is-sentimenti tal-Membri kollha, sentimenti msisslin mir-rabta ta 'ħbiberija li hemm bejnietna u sakemm din ir-rabta tibqa' sseħħ il-"Għaqda" tagħna tibqa' timxi 'l quddiem u togħla fil-ġieħ u l-qima tan-nazzjon.*

*Ġ. GALEA.*

---

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

Nhar is-Sibt, is-7 ta' Marzu, fil-5.30 ta' wara nofs in-nhar saret laqgħa tal-Kunsill f'l-Uffiċċju tas-Sur Ivo Muscat Azzopardi, Nru. 47, Triq id-Dejqa, il-Belt, li fiha ħa sehem numru sabiħ tal-Membri tal-Kunsill taħt il-Presidenza tat-Tabib Ġ. Galea. Fl-Aġenda kien hemm proposti ta' importanza kbira. Nittamaw li meta jkun il-waqt inwettquhom u nħabbruhom.

# Dun Gwann Cachia

## STUDJUŻ MALTI TAS-SEKLU TMINTAX

*Studju ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO

META l-ġrajja tal-Lsien Malti tinkiteb kif għandha tkun miktuba, insibu nafu b'kemm-il isem ta' studjużi jew kittieba li l-lum lanqas biss smajna bihom. U aktar ma nitbiegħdu minn żmenijietna aktar nifirħu meta nsibu xhieda ta' ħidma lingwistika jew letterarja fil-qasam tal-Malti. Nifirħu għax kull ma nsibu b'taħbit kbir; imma kull ftit jiswa ħafna biex nippruvaw li, minkejja tat-tfixkil kbir li kien hawn fil-pajjiż imħabba l-preġudizzi soċjali-kulturali ta' ħafna Maltin u tal-ħakkiema tagħhom, minn dejjem kien hawn nies li kellhom għal qalbhom l-istudju tal-Malti—ilsien art twelidhom. Fuq dawn l-ewwel ħaddiema ta' l-ewwel nofs tas-Seklu Tmintax insibu jsaltan il-Kanonku Għawdxi Agius De Soldanis li ħalla manuskritti u dokumenti oħra biżżejjed biex minnhom tinkiteb ħajtu u l-istorja tal-ħidma letterarja ta' żmienu. Semmejna 'l De Soldanis, li kien l-aħjar fost ħafna oħra iċken minnu li bil-ħidma tagħhom hejjew it-triq, għenu jew rifdu x-xogħol tal-Kanonku Għawdxi—nies bħall-qassis Francesco Wzzino u Ignazio Saverio Mifsud. U fuq bniedem studjuż ieħor ta' din ix-xorta, qassis ukoll, irrid nitkellem f'din il-kitba—qassis li kien igħix fi żmien De Soldanis u kien ħabib tiegħu—Dun Ġwann Cachia.

Għedt li sa nitkellem fuq Dun Ġwann Cachia. Imma fuq ħajtu ma nista' ngħid xejn, għax għadu ma nstab xejn bir-reqqa. Infakkru għalhekk il-ħidma tiegħu bħala studjuż tal-Malti u għall-mument niftakru biss li kien igħix f'nofs is-Seklu Tmintax. De Soldanis isemmih bħala qassis għaref li kien jaf sewwa l-Għarbi qadim u modern u li kien jikteb il-Malti b'karattri mħallta—Latini u Għarbin (1). Meta kiteb hekk il-Kanonku Għawdxi kien qed isemmi li ħafna Maltin u barranin kienu jiktbu l-Malti kulħadd kif jogħġbu, waqt li x'uħud jew kienu jinqdew biss bil-karattri Rumani jonkella, bħal Dun Ġwann Cachia, b'karattri mħalltin.

(1) Agius De Soldanis: *Della Lingua Punica presentemente usata dai Maltesi ecc.*, Roma. 1750, p. 18.

Qabel naraw x'idea kellu Dun Ġwann ta' l-ittri li jeħtieġu biex jitfissru l-ħsejjes foniċi ta' l-alfabet Malti nieqfu ftit u ngħidu kelmtejn fuq is-seklu li fih għexu huwa, De Soldanis u l-qatgħa studjużi oħra ta' dak iż-żmien. Inġib bil-Malti dak li ktibt fl-istudju tiegħi : *Unpublished Maltese Dictionaries* (2) : "L-ewwel ħidma lessikali tnisslet f'Malta fis-Seklu Tmintax. Issa dan is-seklu ra l-Ordni sejjer lura mill-ħażin għall-agħar u jitbaxxa, imma mbagħad, flimkien mas-seklu ta' qablu, kien ukoll iż-żmien li fih, iktar minn kull żmien ieħor qabel, l-Arti u x-Xjenzi għaddew 'il quddiem f'dawn il-gżejjer. Ħafna pitturi u skulturi fil-knejjes tagħna, kif ukoll fil-bereġ, fil-palazzi eċċ., ġejjin minn dan iż-żmien li fih ukoll għexu Isouard u Azzopardi, li għamlu isem sabiħ fid-dinja tal-Mużika. Tabilħaqq, mill-aħħar nofs tas-seklu Sbatax kien tqanqal qawmien nazzjonali mill-Commendatore Abela, l-ewwel storiku Malti, li fetaħ għajnejn il-pajżani tiegħu u ġagħalhom jagħarfu u japprezzaw il-wirt tagħhom nazzjonali—sens ta' importanza nazzjonali mħeġġeġ mis-sehem dejjem jikber li Malta kienet bdiet tieħu fil-Pulitika ta' l-Ewropa, mill-kwiet u l-paċi li ġew wara l-waqgħa tas-setgħa tat-Tork u mill-għadd sabiħ ta' Mss u kotba stampati qodma li kien hawn Malta fil-libreriji privati. U dan il-qawmien intellettwali mażżmien infexx f'interess għaqli fl-ilsien tagħna. Ara kemm, li wara li fl-aħħar nofs tas-Seklu Tmintax instabu ċ-ċippi li mill-iskrizzjoni ta' fuqhom l-Abbè Barthelemy sawwar mill-ġdid l-alfabet Feniċju, l-ilsien Malti beda jitqies bħala 'muftieħ għal ħafna serraturi' il-għaliex, bil-għajnuna tiegħu, l-istorja u t-tradizzjonijiet ta' dawn il-gżejjer setgħu jkunu studjati aktar bir-reqqa" u għaliex l-istudjuż Malti "bil-kultura tiegħu tal-Punent u billi kien jaf ix-xjenza moderna b'dak kollu li ġġib magħha, seta' joħroġ b'ideat progressivi biex jistudja u jgħarbel il-problemi tal-Lvant, sew ta' l-eqdem żmenijiet bikrija jonkella tal-lum, u jgħaddi dak li jsib lill-istudjużi tal-kontinent f'għamla li tkun ta' siwi". Ir-riżultat kien li studjużi, sew Maltin kemm Kavalieri, bdew kulħadd bl-impika biex joħorġu grammatki tal-Malti u dizzjunari li, b'xorti ħażina, intilfu.

Ma kienx interess imnissel mill-għażż li l-Kavalieri kienu jieħdu fil-Lsien Malti. Huwa minnu li aktarx kien imnissel mill-

(2) Ara *Scientia* (Vol. XIII, Nos. 1, 3).

kurżità, imma trid xi ħaġa iktar minn kurżità biss biex issib Kavalier Franċiż jistudja mhux biss il-kliem u l-idjomi Maltin l-iktar mexxejja, imma wkoll il-varjazzjonijiet djalettali u d-divrenzji tal-fonetika u l-intonazzjoni bejn l-ibliet u l-irħula ta' gżira ċkejkna bħal Malta. Frederick W. Ryan, li diġà ikkwotajna mill-ktieb tiegħu *The House of the Temple* (London, 1930) jikteb hekk fuq dawn is-*savants*: "Kavalieri kienu jistudjaw il-Malti kulħadd għal rasu. Wieħed minnhom, il-Balliju de Neveu (3), kien jafu hekk tajjeb il-Malti illi jgħidu li kien igħidlek mill-ewwel, mill-aċċent, m'imnejn hu min qed jitkellem" (p. 139). Barra minn dan, il-Kav. Turgot kiteb hekk lil De Soldanis minn Pariġi fil-31 ta' Ottubru, 1753: "*Ho ceduto la grammatica* (i.e. *Della Lingua Punica etc.* li ħarġet f'Ruma fl-1750) *al signor de Tournon, antico officiale delli navi nostri, huomo di merito ed adesso maritato, et molto perito della lingua maltese che si diletta di parlare trovandone l'occasione*" (R.M.L. Ms. 146, V. III p. 215). De Soldanis isemmi dan l-istess Tournon bħala l-awtur ta' grammatka tal-Malti li qatt ma kienet pubblikata. Fil-*Lingua Punica* (p. 61) naqraw fuq Fra Monsignor Vescovo d'Epifania Xeberras, (li, dejjem skond De Soldanis, kien jitkellem bi ħmistax-il lingwa) *che faticò molto per pubblicarne una grammatica per la lingua Punica Maltese, e conosco il Signor Tournon, allora Cavalier di Malta, oggi abitante in Francia, che stando in Malta formonne un'altra, ma ritrovandosi quest'oggi nella sua Patria,*

---

(3) Dan il-Balì Neveu dam ħaj sa ma l-Ordni tkeċċa minn Malta b'ordni ta' Napuljun u baqa' jaħdem biex l-Ordni jerġa' lura hawnhekk. Fi żmien l-Imblokk ingħaqel flimkien ma' żewġ Kavalieri oħra biex jiġi jistħarreġ jekk il-poplu riedx l-Ordni lura. Żbarka San Pawl il-Baħar u l-Maltin flimkien mal-Għawdxin li semgħu bil-wasla tiegħu marru jiġru jilqgħuh u jgħajtu "Viva l-Gran Mastru Hompesch! Viva l-Balliju Neveu". Imma biex ma jinqalax tixwix iktar Vivien, li kien qed jagħmel flok Ball, ordna li Neveu u sħabu jerġgħu jintbagħtu lura minn Malta bla telf ta' żmien. Fis-7 ta' Settembru 1799 Giuseppe Dalmas kiteb lil Hompesch fejn qallu li l-mewt tal-Balì Neveu ftit wara li reġgħu bagħtuh minn Malta kienet qanqlet l-għali tal-biċċa l-kbira tal-Maltin. Għalkemm għad ma sibna xejn bil-miktub, nistgħu nissoponu li waħda mir-raġunijiet li Neveu kien daqshekk maħbub mill-Maltin kienet sewwa sew il-għaliex kien jaf hekk tajjeb bil-Malti li setgħu jitkellmu miegħu qisu kien wieħed minnhom. (Ara għal tagħrif ieħor fuqu Mons. A. Mifsud: *Origine della Sovranità Inglese di Malta*, Malta, 1907, pp. 342-363).

*e l'altro passato a miglior vita, nulla s'è veduto.*

Minn dan l-entużjasmu kollu għall-istudju tal-Malti nibtu fis-Seklu 18 ħafna Kavalieri li, mixteqin li jitgħallmu sewwa bil-Malti, talbu lil De Soldanis biex jiktbilhom grammatka ħalli tkun t'għajnuna lil dawk fosthom li jiġu Malta bħala novizzi jew biex iservu żmien fuq ix-xwieni u ma kenux jistgħu jiftiehmu mal-Maltin. De Soldanis inxeħet għal dil-biċċa xogħol u fl-1750 ħareġ il-grammatka *Della Lingua Punica ecc.*"

Sakemm tlestiet dil-grammatka De Soldanis ħtieġlu jishar ħafna għax ma kellux wisq fuqhiex jibni. Il-ħsieb ewlieni tiegħu kien li jsawwar alfabet li bih kulħadd ikun jista' jikteb u jaqra l-Malti b'karattri Latini. Ara x'igħid: "*Mi giova sperare che con questo nuovo alfabeto, quei che si dilettano e quei che di proposito studiano questa lingua, da oggi in avanti potranno e scriverla e leggerla agevolmente col carattere Latino*" (4). Imma milli stajna naqbdu, qabel ma wrieha d-dawl ta' l-istampa De Soldanis bagħat il-Ms. lill-ħabib tiegħu Dun Ġwann Cachia biex jara l-fehma tiegħu x'kienet fuq l-ittri ta' l-alfabet li kien għażel. Dan nistgħu ngħiduh mill-ittra ta' tweġib ta' Cachia miktuba nhar is-27 ta' Settembru, 1749, jiġifieri qisu sena qabel ma De Soldanis ħareġ il-grammatka f'Ruma (5). Minn din l-ittra nsiru nafu mhux biss xi kriterju ried jimxi fuqu Dun Ġwann Cachia għall-kitba tal-karattri li għandhom jintużaw biex ifissru l-ħsejjes tal-Malti imma wkoll, jekk nistudjaw l-alfabet li ħareġ De Soldanis sena wara, x'effett kellu Cachia fuq il-grammatka tal-Kanonku Għawdxi. Din l-ittra ta' tweġiba nistgħu għalhekk inqisuha bħala dokument importanti, l-iktar meta niftakru kemm snin u kemm sistemi kellhom igħaddu jew jitqallbu qabel ma l-Malti seta' jissaħħaħ u jinkiteb b'ortografija waħda uffiċjali.

Il-fehma ta' Cachia fi ftit kliem kienet din. L-ilħna tal-gerżuma fil-Malti, bħal m'hi l-*għ*, ma tistax tfissirhom u tiktibhom b'ittri ta' l-alfabet Latin, għax jekk tagħmel hekk kull ma jibqa' jkun donnu ġisem mingħajr ruħ. Dan ġralhom l-Ispanjoli, li l-ilsien tagħhom fih ħafna għidut Għarbi. Dehrilhom l-Ispanjoli li kellhom jinqdew bl-alfabet Latin u ġara li l-kelma tilfet l-ispirtu u l-lum ma jistgħux jagħżlu nisel ta' kelma minn nisel ta'

(4) Agius De Soldanis, op. cit. p. 19.
(5) R.M.L. Ms. 155 ff. 130-131.

kelma oħra. Trid tagħżel fil-kitba bejn il-ħoss Malti *Q* fil-kelmiet *Qerr* (Ker), *Qormi* (Kormi) u *Qaws* (Kaws) u l-ħoss ta' *Q* (Cof) Għarbija fil-kelmiet *Qargħa* (Kargħa), *Qaddis* (Kaddis), *Qarn* (Karn), *Qasir* (Kasir) eċċ. Hemm imbagħad *Kabar*, fejn tindifen, u *Chabar*, fejn jitqiegħed il-fus tal-ħadid, li jfissru ħaġa differenti waħda mill-oħra u li għandhom pronunzja diversa. Fuq hekk iżid igħid: "*Vero si è che vi sono de Maltesi che li confondono, anzi intendendo di parlar meglio, li stroppiano, e ciò succede in un infinità di parole, però chi la mette in stampa bisogna che assegni le differenze e le circostanze per non lasciare una cacofonia nelle parole e non si trova nell'esecuzione il 'quid pro quo'.*" L-istess għall-ħsejjes *d* u *dh*, u *t* u *th*, li bejniethom tgħaddi xi ftit tad-divrenzja. Bl-ittri Latini ma tistax tfissirhom wisq malajr "......*queste differenze mettendole alle stampe non so come ponno bene comprenderle, e pronunciarle colle de. nostre lettere (Latine), e come riuscirà a quei che desiderano apprendere dal libro......*".

(*Jissokta*)

———:0:———

## SUĊĊESS LETTERARJU

Nifirħu bil-qalb kollha lil sħabna tal-"Għaqda", is-Sur Marju Agius u lis-Sur G. Ellul Mercer għas-suċċess u rebħ tagħhom **fil-Konkors Letterarju** tal-Pronostku Malti tal-1949: wieħed bil-poeżja tiegħu "Inħobb il-Ħajja u 'l Alla" li ħadet ir-Raba' Premju, u l-ieħor bin-Novella "Il-Waħx" li ħadet it-Tielet Premju. Dan hu ta' ġieħ mhux biss lil sħabna iżda wkoll lill-"Għaqda" tagħna.

## IL-GĦANJA TAĊ-ĊAQLIQ *

*Ta'* A. Buttigieg

*Imnebbħa mill-għajn li tinsab fil-*
*Palazzo Pitti ħdejn l-Arno, Firenze.*

Smajt il-għanja tal-għejun
imfawrin,
ħafna sriebet ma' xulxin,
qishom pizzi tal-bizzilla
bajdanija
li jinqalbu
għal ġo vaska sewdenija.

Smajt il-għanja wkoll tas-sigar:
ċedru w pin,
pjoppi u ċawsri ma' xulxin,
jagħmlu toroq imsaqqfin
twal tal-ħdura
fejn il-vari bojod kina
ta' ġol-ġnien iżidu ż-żina.

Smajt il-għanja wkoll tal-mewġ,
li b'elf barri wild il-fewġ
sejjer jaħrat wiċċ ix-xmara
sa ma jasal fuq ix-xifer
u tinħall fil-gliegel bojod qalb ir-ragħwa taċ-ċarċara;
wiċċ ix-xmara
twil u twil mal-pontijiet,
miexi qalb il-boskijiet,
sa jintefa' ġewwa l-baħar
f'għaqda kbira ferreħija,
bajdanija.

Smajt it-tlieta
u t-tlieta kellhom
għanja waħda ta' tħaxwixa,
xix... xix... xix...
għanja waħda ta' ċaqliqa,

---

(*) Din il-poeżija u ta' wara nqraw f'Laqgħa Akkademika li saret mill-Għaqda fit-28 ta' Novembru, fid-Dar ta' S. Ġużepp, il-Belt.

ta' taħrika,
li mill-bidu tal-ħolqien
sejra tmewweġ ġewwa l-ġnien,
ġewwa x-xmara,
ġol-għejun u ġoċ-ċarċara,
bl-armonija,
daqqa mbiegħda, daqqa spiss,
kif imiss.

Mort il-għada u t-tlieta kellhom
l-istess għanja
xix... xix... xix...
u jekk jersaq xi poeta
elf sena oħra
jisma' l-għanja tal-għejun,
u tas-siġar u tax-xmara,
jerġa' jara
l-istess fewġ.
jerġa' jisma' l-istess fewġ
xix... xix... xix...

Xix... xix... xix...
sa mill-bidu tal-ħolqien;
u li kieku għal xi żmien
din il-għanja ta' tħaxwixa,
ta' ċaqliqa,
ta' taħrika,
kellha tieqaf,
kien ikollna baħar qiegħed,
b'ħafna dud u b'ħafna ntiena,
siġar sofor b'weraq ħżiena,
kien ikollna mhux biss skiet,
imma mwiet.

Xix... xix .. xix...
jalla tibqa' ma' kull żmien!
jalla tkun dejjem dewwiem!
mingħajr tmiem!
Ammen, Ammen, Ammen!

Napli, 10 ta' Ottubru 1947.

# KELB XIH TAL-GHASSA

*Ta'* A. Cremona

*(Minn fuq il-bejt ta' dari, għal fil-għaxija)*

Ix-xemx inħbiet; fuq l-egħlieqi l-ħemda
ta' fil-għaxija waqgħet, minn fuq l-andar
telqet il-bhima, u l-merħla mill-qasbija
sejra ġol-maqjel.

Waħdu jkaxkar riġlejh il-kelb ix-xwejjaħ,
b'rasu mdendla ħosbien fuq il-mogħdija
tal-merħla lejn il-wied... waħdu fil-beraħ
ta' skiet u dalma.

Baqa' jkaxkar riġlejh sakemm intefa
it-tektik tal-qanpiena f'għonq il-merħla,
u raġa' dar ħosbien... waħdu fil-beraħ
ta' skiet u dalma.

U waqaf fejn l-għarix fit-tarf tal-bħajra,
u rafa' rasu jħares b'għajn imbexxqa
fuq dik il-ħdura mdallma b'lejl li riesaq
f'għabex ta' ħajja......

Kellu quddiem għajnejh iċ-ċpar tal-għomor,
iżjed iswed mid-dlam tal-lejl li riesaq;
qalbu tħabbat għajjiena u f'riġlu t-telqa
tqila ta' ħajtu.

U b'rasu mdendla jxammam l-art, intasab
mal-bwejba tal-għarix, joħlom il-ħajja
ta' dari meta kien jisboq fil-ġiri
leħħa ta' berqa:

jaqbeż ħitan u ċnut malli tinfetaħ
iħoss ix-xatba tar-razzett; iwaqqaf
widnejh it-tnejn, u jqum mal-lejl jistaħreġ
xi ħoss fil-maqjel.

Għassa tal-merħla bikri minn fil-għodu
sa fil-għaxija, bla mistrieħ jindokra
wċuħ, siġar u tjur. Għajnejh u leħnu
wens dik id-dwejra.

Il-lum li xjieħ fis-snin u fit-tbatija
    bil-kemm jitbiegħed mill-għarix; jinxteħet
    hemmhekk bin-nhar, bil-lejl: għalih il-ħajja
    ħolma ta' dari.

Iżda le jorqod. Bil-lejl fis-skiet, fil-ħemda
    tal-beraħ tar-razzett igħasses bi ħsiebu.
    U meta minn fuq rasu jgħaddi jredden
    ġifen ta' l-ajru,

b'għajnejn imċajpra jtalla' rasu u jinbaħ
    b'leħen għajjien ta' bikja; imb'għad iħares
    lil hinn mill-wied fejn dak il-ġifen staħba
    fid-dlam tax-xefaq;

fejn iswed bħal iħirsa tal-mewt tiela'
    iċ-ċipress u fejn taħtu baqa' jidwi
    tal-ġifen it-treddin li mar jitmewwet
    qalb oqbra u slaleb.

Bil-ħarsa wieqfa lejn ix-xefaq deh'rlu
    jisma' tidwi f'widnejh tehdida: il-qirda
    ta' dik l-imsejkna ħajja, u mejjel rasu
    f'nagħsa ta' ħolma.

Hekk jiena fl-għabex ta' dil-ħajja tiegħi
    ilmaħt il-ħdura taż-żgħożija tiddallam;
    għajjien nitkaxkar lejn l-għarix tal-qasam
    tal-ġlied ta' ħajti,

inxħett waħdi fis-skiet ta' beraħ xagħri
    ngħasses u nogħnos sakemm dalam sewwa.
    Rieqed, ħassejt fuq rasi l-ħoss ta' sejħa
    tredden, tqajjimni.

U 'l hinn mill-wied jien rajt ukoll l-iħirsa
    tal-mewt ihedduni minn waqtiet għal oħra,
    u smajt il-leħen jidwi tat-tehdida
    fil-waħx ta' lejla.

Hekk jien ukoll irġajt għalaqt għajnejja
    f'nagħsa ta' ħolma, u ħlomt xewqat bla temma,
    il-frugħa li karkart sal-lum warajja
    lejn triq il-qabar.

Lulju, 1948.

# Francesco Azopardi (1748-1809)

*Ta'* Ivo Muscat Azzopardi

MITEJN sena ilu, biex inkun iżjed eżatt fil-5 ta' Mejju 1748, twieled fiċ-ċkejkna Malta raġel kbir li, bil-ħila tiegħu, għolla isem Artna bil-bosta mhux biss fostna, imma wkoll barra minn Malta, fid-dinja mużikali bi ħġarha.

Dan ir-raġel kien jismu Francesco Azopardi.

Ismu, Francesco, huwa komuni ħafna f'Malta u l-istess nistgħu ngħidu għal kunjomu; imma ismu u kunjomu marbutin flimkien jiffurmaw isem illustri.

U jekk isem Francesco Azopardi mhux magħruf daqs kemm imissu, jew biex nitkellmu b'qalbna f'idejna, magħruf ftit, huwa dovut għal tliet ċirkustanzi :

1) Twieled f'art fejn in-nies kbar tagħha mhumiex miqjumin biżżejjed, għax inbatu b'dik il-marda morali, kerha ħafna, li l-Ingliżi jsejħulha "inferiority complex";

Għax Francesco Azopardi kien bniedem ta' karattru li jħobb jgħix fih innifsu, ma kellu ebda pretensjonijiet u l-kburija ma kienx jaf fejn toqgħod;

3) Il-poplu kien jitħalla fil-għama.

Il-kommenti tiegħi għal dawn it-tliet ċirkustanzi huma dawn :

1) Għal dawk li jbatu bl-"inferiority complex" nixtieq infehemhom li l-intelliġenza, l-għerf u d-dehen, ma huma l-monopolju ta' ebda nazzjon.

L-intelliġenza hija don, mirqum u miżjud bil-għaqal ta' l-individwu, megħjun fejn hu possibbli minn mezzi jew proprji jew ta' xi ġeneruż li jista' jkun bniedem ieħor jew il-Gvern.

Ma għandna x'ngħidu xejn, pajjiż ċkejken bħal tagħna, jekk jiġi ipparagunat ma' pajjiżi kbar bħall-Ingilterra, Franza jew l-Italja, ma għandux ħlief ċans wieħed għal kull 200 ċans li għandu Ingliż, Franċiż jew Taljan.

Imma meta dan iċ-ċans jinzerta, l-intelliġenza ta' dak il-Malti hija eżattament ta' dik l-istess qawwa ta' l-oħrajn.

F'kelma waħda, biex niftiehmu aħjar, jekk Malta tinzertalha pittur kbir, l-Ingilterra, biex tkun daqsna, irid ikollha 200 wieħed ta' l-istess qawwa tiegħu. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għal

Franza jew l-Italja, u l-istess ingħidu għal skulturi, poeti, mużiċisti, ecc., ecc.

Mela ma naqtgħux qalbna billi aħna ċkejknin, għax kif ġa għidtilkom, l-intelliġenza... u d-donijiet l-oħra, ma huma l-monopolju ta' l-ebda nazzjoni għax in-natura ma tagħmilx preferenzi.

2) Rigward it-tieni ċirkustanza, ma nistgħu ngħidu xejn għax ħadd ma jista' jlumu lil Azopardi jekk kellu karattru riżervat u għoġbu jkun umli flok kburi.

3) Rigward il-kustjoni li l-poplu kien jitħalla fil-għama, il-lum id-dinja tbiddlet bil-bosta u bl-invenzjonijiet ġodda li għandna sar mixi 'l quddiem kbir.

Aħna wkoll f'Malta bdejna nqumu fuq tagħna u bis-saħħa ta' lsien Malti, ilsien il-poplu, li qabel kien mistmerr, iżda l-lum miqjum, għalkemm mhux biżżejjed, nistgħu nwassluhu dak li ma stajniex nagħmlu b'ilsna barranin, u bis-saħħa tar-Rediffusion, li permezz tiegħu għaxriet ta' eluf ta' nies jistgħu jisimgħu u jitgħallmu dak li qabel ma sata' qatt jasal f'widnejhom—qiegħed il-lum nagħtikom tagħrif sħiħ ta' dan il-Malti li tant għamlilna ġieħ.

B'hekk il-kotra tal-Maltin—u mhux biss dawk il-ftit li jafu jaqraw bit-Taljan, jew bl-Ingliż, jew bil-Franċiż, jonkella dawk il-ftit li studjaw l-armonija—isiru jafu xi ħaġa fuq dan il-kbir mużiċist li nzerta Malti bħalhom, kif minn żmien, ilhom jafuh dawk il-barranin kollha li fil-kulleġġi u l-Konsevatorji jibdew xi kors ta' mużika u, jridu jew ma jridux, ikollhom jisimgħu b'ismu bħala wieħed mill-pijunieri tal-Mużika.

Qabel nibda nagħti ħjiel tal-ħajja ta' dan il-pijunier, tagħrif li rnexxieli niġbor minn ħafna kotba, nixtieq insemmi min huma dawk il-ħafna kittieba li kitbu fuqu u nistqarr minn issa, biex nara li ħadd ma jikkritikani, li din il-lista mhiex kompluta u jekk f'Malta hawn xi ħadd li jaf fuqu xi ħaġa li jien ma għidthiex f'din it-taħdita, nitolbu jibgħathieli, biex jekk xi darba, biex infakkar lil dawk li għad iridu jiġu warajja, ifettilli nistampa din it-taħdita tiegħi għax, kif igħid il-Malti "il-miktub mhux maħrub", **il-ħajja ta' dan il-kumpajżan** tagħna tkun kompluta kemm tista' tkun.

Mela issa ser insemmilkom il-kotba li qalu xi ħaġa fuq Francesco Azopardi :—

I. Grove's dictionary of Music and Musicians—Editur H.

C. Colles, M.A. (Oxon.)—stampat fl-1929, isemmi lil Francesco Azopardi fuq fuq, u fost il-kliem li jgħid fuqu sejjaħlu "a learned Italian theorist". Ma hemmx għalfejn ingħidu li dan żball oħxon u mhux suppost li jidher fi ktieb ta' importanza bħalma hu Grove. Forsi Grove ried igħid li Francesco Azopardi kien influwenzat mill-mużika taljana għax hu studja l-Italja. Jista' jkun, imma f'dan il-każ kien imissu jispjega ruħu aħjar.

II. Fir-rivista bit-Taljan li kienet tistampa ruħha f'Malta jisimha l-*Arte* u sewwa sew fin-Nru. 13 ta' l-ewwel sena, dehret bijografija twila mhux ħażin fuq dan il-Malti, imma min kitibha jidher li kien iħobb ħafna r-rettorika u mhux dati u fatti storiċi.

F'din il-bijografija jissemmew tliet kotba oħra li fihom hemm xi tagħrif fuq Azopardi imma jien ma rnexxilix insibhom u għalhekk ser insemmihom biss *ad futuram rei memoriam*.

Dawn it-tliet kotba huma :

III. Gazzetta letterarja ta' Parigi tal-1789—No. 179.

IV. Dizionario degli Scrittori di Musica, stampat Palermu fl-1814.

V. Enciclopedia popolare italiana.

VI. Ktieb ieħor, li hu mill-iżjed importanti, li jsemmi, indirettament, lil Francesco Azopardi tagħna huwa : "Double Counter point and Canon" by Ebeneyr Prout B.A. (London). Prout huwa awtorità kbira għax barra li hu Professur tal-Mużika fl-Università ta' Dublin, għandu wkoll it-titlu onorarju ta' Direttur tal-Mużika ta' Trinity College ta' Dublin u Edinburgu.

L-Editur ta' dan it-Trattat huwa Augener Ud, u ġa deher stampat xi seba' darbiet.

Jien għidtilkom li Francesco Azopardi huwa msemmi indirettament. Biex tifhmuni aħjar ser inġib maqlub għall-Malti l-par. 416 li jinsab f'paġna Nru. 210 li jgħid :

" M'hi ħaġa xejn ħafifa li jinkiteb kanoni f'iżjed minn żewġ
" taqsimiet imsejjes fuq dak li jissejjaħ *canto fermo*; l-eżempju
" li nuru hawn taħt, meħud mix-xogħol ta' Cherubini, juri li
" din mhiex ħaġa li ma tistax tkun."

Hawn jieqaf kliem Prout u nsibu li l-biċċa mużika mogħtija minn Prout bħala eżempju, ġiet meħuda minn "Corso di contrappunto e fuga" ta' Cherubini u għalhekk, biex flok indirettament, naraw kif jidħol fin-nofs Francesco Azopardi tagħna, qbadna f'idejna t-trattat ta' Cherubini.

VII. Dan it-Trattat, miktub bil-Franċiż u maqlub għat-Taljan minn Luigi Felice Rossi, iġib in-Nru. 55027 u stampah l-Editur G. Ricordi & Co. ta' Milan.

Fil-paġna 84 u 85 tat-tielet edizzjoni, fit-taqsima "delle imitazioni a tre e a quattro parti" insibu dan il-kliem li ġibnieh għall-Malti kelma b'kelma :—

" Kull speċi ta' tixbih jew imitazzjoni li tkellimna fuqhom " fiż-żewġ taqsimiet ta' qabel, jistgħu jitħaddmu tlieta, erbgħa u " wkoll iżjed, partijiet.

" Azopardi, kompożitur malti, isserva b'żewġ għan-" jiet li jistgħu jiswew bħala sies biex fuqhom isir tħarriġ ta' kull " ġens ta' imitazzjoni, b'kull taqsim taż-żmien (intervall) li trid, " jiġifieri li jista' jkun intervall akbar jew iċken.

"Jien jidhirli (issokta jgħid Cherubini) li l-allievi fil-bidu ta' " l-istudju u tħarriġ tagħhom jistgħu jimxu wara dan il-metodu " li għandu jiswa ta' ġid kbir fl-istudju ta' l-imitazzjoni."

Hawn jieqaf kliem Cherubini u jidhru ż-żewġ *għanjiet*, jew biex insejħulhom bi kliem tekniku taljan, li huwa użat fl-ilsna kollha, "*canti*", li kiteb Azopardi.

VIII. Bijografija oħra, mill-aħjar, fuq Azopardi, inkitbet ukoll mid-Duttur Pawlu Pullicino, Kanonku tal-Katidral, fl-1876.

IX. Trattat importanti ieħor li fil-paġni 64 u 66 isemmi l-ktieb ta' Cherubini, li mhux ħaġ'oħra ħlief ir-riproduzzjoni tal-Musico Prattico ta' Azopardi, huwa dak miktub minn J. Frederick Bridge, Duttur tal-Mużika (Oxon.) u magħruġ mill-Edituri Novells, Ewer & Co. Dan it-Trattat li jismu "Double Counterpoint and Canon" fl-1881 kien ġa stampa ruħu ħames darbiet b'tirata ta' elf kopja kull darba u dan juri kemm hu magħruf u importanti.

Qabel ngħalqu l-lista ta' kotba fuq Azopardi irridu nsemmu li l-ktieb "Il Musico Prattico" ġie maqlub mit-Taljan għall-Franċiż minn Tramery u iżjed 'il quddiem ingħidulkom xi ħaġa fuqu u fl-aħħarnett insemmu lil......

XI. ...... Ulderico Rolandi li kiteb fl-Archivio Storico di Malta, sa fejn nafu aħna, l-aħjar bijografija fuqu. Dan il-ktieb ġie stampat f'Ruma fl-1929-30 u fl-ewwel volum, li fih ta ħjiel **fit-tul tal-mużika, mużiċisti u tijatri** f'Malta, igħid li t-tagħlim tal-Mużika f'Malta kien jiġi mgħallem l-aktar minn għand indi-

vidwi u skejjel privati li l-aktar magħrufin fosthom kienu dawk ta' Mikiel Anġelo Vella, Francesco Azopardi u oħrajn.

Minn fuq dawn il-kotba kollha li semmejtilkom ġbart il-ħajja tal-kumpajżan tagħna Francesco Azopardi li għamel ġieh lil ismu, lir-Rabat u fuq kollox u fuq kulħadd lil Malta tagħna.

Nistqarr li ġbidt ftit fit-tul u li aktarx dejjaqtkom xi ftit. Nitlobkom tagħdruni imma l-ħsieb tiegħi hu biss li ngħidilkom kemm kien kbir Francesco Azopardi tagħna billi nsemmilkom x'qalu fuqu l-barranin u mhux aħna nfusna.

Issa ngħaddu għal ħajja tiegħu.

* * *

Francesco Azopardi huwa bla dubju xejn wieħed mill-aktar mużiċisti illustri li qatt kellha Malta.

Kif ġa għidtilkom twieled ir-Rabat ta' l-Imdina fil-5 ta' Mejju, 1748, mela din is-sena għalaq 200 sena li ilu mwieled. Min kienu l-ġenituri tiegħu ma sibniex s'issa imma bi ħsiebi nibqa' nfittex sakemm insibhom xejn xejn biex isimhom jibqa' magħruf fl-istorja tagħna li f'ħafna ħwejjeġ hija nieqsa minn dettalji importanti wisq meħtieġa.

Beda l-istudji tiegħu, hawn, f'art twelidu, taħt Dun Mikiel Anġ Vella, li għax bejn l-1715 u l-1792, u wara ssoktahom fil-Ġimnasju ta' Napli, għal għaxar snin sħaħ, jiġifieri mill-1760 sal-1770, li dak iż-żmien kien immexxi miċ-ċelebri N. Piccinni, u laħaq kuntrappuntist mill-aqwa.

Meta temm l-istudji tiegħu f'Napli kien tant tħarreġ tajjeb li riedu jafdawlu f'idejh it-tmexxija ta' dak il-Ġimnasju li ftit qabel ma kienx ħlief student fih, imma Azopardi ħass li s-sliem fi ħdan il-familja tiegħu f'Malta, kienu wisq aħjar mill-unuri kollha li sata' jikseb barra minn pajjiżu. Min sata' jlumu jekk **il-karattru tiegħu** u l-fehmiet tiegħu kienu magħġunin hekk?

Naħsbu iżda li qabel ġie Malta għal kollox għaddew xi ftit snin; imma nafu li wara erba' snin li temm l-istudju tiegħu ġà kien sar magħruf ħafna għall-Quddisiet li għaraf jikteb b'dehen kbir, u fosthom jisraq li nsemmu :

a) Waħda li kiteb fl-1768 meta kien għadu student fil-Konservatorju;

b) Oħra li kiteb fl-1770 sewwa sew kif temm l-istudji tiegħu;

ċ) U t-tielet waħda—għal erbat ilħna u strumenti—li kiteb fl-1772 għall-Kattidral.

Din il-fama li kiseb hekk malajr ħajret lill-Isqof Mons. Pellerano biex jibgħat għalih Malta u jaħtru organista u assistent ta' B. Zerafa tal-Kattidral ta' San Pawl.

Meta l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann spiċċat minn Malta laħaq "Maestro di Cappella" tal-Konkattidral ta' San Ġwann u fl-1804 laħaq ukoll, wara Zerafa, M. di C. tal-Kattidral.

Ma hemmx għalfejn ingħidilkom jien li din il-karika dejjem ġiet fdata f'idejn l-aħjar mużiċisti tal-Gżira.

Azopardi, barra milli kien kittieb tal-mużika, kien ukoll imgħallem mill-aħjar u kuxjenzjuż, u fost il-ħafna allievi tiegħu nixtieq insemmi dak il-kbir mużiċist, Malti ieħor bħalu u bħalna, Nicolò Isouard li tiegħu qed inhejji bijografija, sħiħa kemm tista' tkun, li bi ħsiebni nxandar f'Diċembru, egħluq sninu.

Francesco Azopardi, barra mill-Quddisiet li ġà semmejna, ikkompona ħafna bċejjeċ sagri oħra, jiġifieri : Quddisiet, innijiet, antifoni, responsorji u fuq kollox Oratorju.

Fl-1802 fit-Tijatru Manoel saret "Il-Passjoni ta' Kristu" tiegħu.

Imma l-isbaħ biċċa xogħol li ħallielna dan il-kumpajżan tagħna, hija, bla dubju xejn, it-Trattat "Il Musico Prattico" li ġà semmejtilkom qabel. Dan it-Trattat qalbu għall-franċiż il-magħruf Framery fl-1786 u iżjed 'il quddiem ġie rivedut f'edizzjoni oħra minn Choron u ġie mdaħħal bħala ktieb-test fil-Konservatorju ta' Pariġi, Bavarja u bliet oħra.

L-isem preċiż tal-ktieb huwa "*Il musico prattico o lezioni* " che conducono gli allievi nell'arte del cotnrapunto insegnando " loro a maniera di comporre correttemente ogni specie di musi-" ca; opera composta secodo i principi dei *Conscvatori d'Italia* e " messa nello ordine più semplice e più chiaro da Francesco " Azopardi. "

U dan ifisser li dan l-imgħallem tal-mużika għaraf jiġbor dawk il-ħafna liġijiet imxerrda u konfużi li kienu jeżistu fi żmienu u qegħidhom f'dik l-ordni li wrajh inqdew biha l-Konservatorji kbar tad-dinja biex jgħallmu l-kittieba tal-mużika fuq sisien sodi u ċari.

Azopardi kiteb ukoll "storja fuq in-nisel tal-mużika", imma dan il-ktieb baqa' bla mitbugħ.

Min jaf, jaħasra, fejn spiċċa teżor bħal dan li aktarx jibqa' mindfun fid-dlamijiet ta' l-injuranza.

Iżjed 'il quddiem għedtilkom li Azopardi tagħna kien raġel sempliċi u umli.

Biex nippruvalkom kliemi ser naqleb mill-Franċiż għall-Malti dak li qal huwa nnifsu fid-daħla tal-ktieb tiegħu "Il Musico Prattico" li għadni kif semmejtiilkom. Isimgħu mela kliemu :

" Ħafna nies kitbu s'issa—jiġifieri qabel l-1786—fuq il-mużika imma ħadd ma ħaseb biex jifforma metodu li jwassal lill-Allievi mill-bidu sa l-aħħar, tarġa tarġa, sakemm jilħqu kuntrappuntisti tajba"

Imbagħad iżjed 'l isfel issokta jgħid li b'dan il-metodu mhux bi ħsiebu jiddetta liġijiet lis-surmastrijiet imma biex iqiegħed f'ordni ċar dak li s-surmastrijiet għallmu lilu u jtemm id-daħla billi jitlob maħfra talli jippreżenta ktieb miktub bi stil sempliċi li hu hejja għall-istudenti u mhux għas-surmastrijiet.

Din id-daħla, kif għà għedtilkom, turi kemm kien umli Azopardi għax iż-żmien li dejjem ta l-isbaħ pariri wriena u ippruvalna li l-ktieb ta' Azopardi sar, baqa' u għadu sal-lum imsemmi fl-aħjar Trattati għat-tagħlim tal-Kuntrapunt.

Framery, meta qalbu mit-Taljan għall-Franċiż, stqarr li huwa għażel dan it-Trattat għax kien l-aħjar fost kemm-il wieħed kienu jeżistu dak iż-żmien u ta' qabiu biex il-mużika tiġi mgħallma fuq sisien xjentifiċi.

U biex inwettqu s-siwi ta' dan il-ktieb ser ingħidulkom li fl-aħħar paġna tiegħu, tidher l-approvazzjoni, in-*nihil obstat*, għattbigħ tal-ktieb, iffirmata minn Gritry li dak iż-żmien kien jirrappreżenta l-Gwarda-siġilli ta' l-Istat ta' Franza. Gritry f'dawn il-kelmtejn ta r-raġuni l-għala l-ktieb sata' jitħalla jistampa ruħu.

Isimgħu kliem Gritry nnifsu :— " Jien nippermetti t-tbigħ " ta' dan il-ktieb għax din il-biċċa xogħol hija l-waħdanija li fiha " jidhru eżempji mill-aħjar u miktubin b'sengħa li jsaħħu u juru " teorija komuni ta' l-akkordi."

Mela kif jidher minn din l-approvazzjoni ta' Gritry, dan il-ktieb deher mitbugħ bis-sensja tal-Gvern ta' Franza.

Skond l-istorjografi li kitbu fuq Azopardi, il-mużika tiegħu kienet miżmuma bl-akbar għożża fi Spanja u l-Bavarja wkoll, barra minn fi Franza fejn deher il-ktieb li semmejtilkom ftit ilu; li, milli jidher, daħal ukoll f'pajjiżi kbar oħra.

Azopardi kiteb għadd kbir ta' bċejjeċ mużikali imma l-aktar bċejjeċ tal-Knisja u l-lista hija wisq twila biex inġibuha hawn, imma biex nagħtukom ħjiel tar-riżorsi kbar tiegħu f'din il-materja biżżejjed ingħidilkom li mill-1768 sal-1807 kiteb aktar minn mitt biċċa fosthom 24 quddiesa u 16-il biċċa profani.

Francesco Azopardi miet f'Malta fit-8 ta' Frar, 1809. Fejn hu midfun?—*Rolandi*, il-bijografu ta' l-*Archivio Storico di Malta*, igħid li jinsab midfun fil-Konkattidral ta' San Ġwann, fil-waqt li l-Kanonku Pullicino tana dettalji sħaħ tal-kliem li hemm minquxin fuq il-lapida sepolkrali tiegħu, kliem li ġie miktub mill-Vigarju Ġenerali, il-Wisq Reverendu Dun Viċenz Galea. Din il-lapida tqiegħdet fl-1879 bħala tifkira tiegħu.

Kulma għidna s'issa huwa x'għamel il-Malti Francesco Azopardi għall-mużika, għal Malta tiegħu u għad-dinja mużikali.

Aħna x'għamilna għalih?

Kemm-il banda f'Malta ħasset id-dmir li tqimu billi titgħammed għal ismu?

Il-mużika tiegħu li, skond Pullicino, kienet tinsab merfugħa fl-Arkivju tal-Kattidral, għadha teżisti?

Kemm-il Banda għandha r-ritratt tiegħu fil-Każin tagħha, barra mill-Istitut ta' San Ġużepp?

Il-Gvernijiet li kellna minn 140 sena 'l hawn kemm-il triq semmew għalih, x'passi ħadu biex il-mużika tiegħu, jekk għadha teżisti, kultant nisimgħuha?

Kemm-il statwa tiegħu għandna fil-ġonna tagħna u bnadi oħra ħlief fl-Orpheum tal-Gżira?

Meta kellna, jaħasra, t-Tijatru Rjal, fit-taraġ li mid-daħla jtellgħek għall-*foyer*, kien hemm żewġ busti żgħar, wieħed ta' Francesco Azopardi u l-ieħor ta' Nicolò Isouard, imma huma wkoll jinsabu fost il-ħerba ta' dak il-bini, it-tijatru tagħna, li għalkemm ħadd ma għadu jsemmih, igemgem u jikteb fuqu, kulħadd iħoss li jmissu ġà raġa' tala'.

Jien nittama li jitla' ma jdumx għallanqas qabel ma dawk kollha li raw il-gwerra u li rawh isir ħerba ma jkunu lkoll taħt it-trab; u nittama wkoll li meta jtallgħuh, jarġgħu jidhru l-figuri ta' dawk iż-żewġ Maltin kbar, Azopardi u Isouard.

Iżda mhux taħt sura ta' żewġ busti żgħar, imma statwi sħaħ, ħalli kull meta nidħlu fit-Tijatru tagħna narawhom quddiemna ħajjin, inħarsu lejhom bil-qalb u b'soddisfazzjon, nizżuhom ħajr ta' dak li taw lil Malta u lid-dinja, u nitolbuhom jaħfrulna talli nsejniehom — kif inħobbu ninsew lill-kbar tagħna — għal aktar minn seklu.

San Ġiljan, 19. 9. 48.

## IL-FERGHA TAS-SAGHTAR

*Ta'* George Zammit

Imbagħad int qtajtli fergħa minn sagħtra,
U jien ressaqtha lejn imnifsejja:
Riħet is-sagħtar riħet il-ġenna;
Ftaħt bibien qalbi — bexxaqt għajnejja,

U rajt fil-mera t'għajnejk kbar, suwed,
Saltna ta' ħlewwa, saltna ta' dija;
Rajt ġmiel ix-xefaq bix-xemx imdawwal,
Art, baħar, sema bil-ġmiel miksija;

Xuxet is-siġar mar-riħ jitbandlu
Fil-bogħod, fl-egħlieqi, fi truf ix-xagħra;
Rajt ġmiel il-ħlejjaq bid-deheb imlibbsa
Tax-xemx tittawwal minn taħt l-imnara

Tas-sħab imrikkeb għolja fuq għolja
Ta' qawwa ssaħħar minn ħolma mbenna:
Holma fuq ħolma, qawwa fuq qawwa,
Tarġa fuq tarġa — taraġ il-ġenna...

Għabet id-dija, għabet il-ħolma:
Għabet, le mietet. Għax dik il-fergħa
F'kexxun imrekkna, sibtha snin wara;
U ma' fwiħitha ġie lura l-mera

T'għajnejk kbar, suwed, bi ġmiel ix-xefaq,
Bi ġmiel is-siġar minn żiffa mbenna,
Bis-sħab imlibbes id-deheb u l-ġawhar:
Holma fuq ħolma, ġawhar il-ġenna...

Il-Furjana, 7. 2. 49.

# L-Infern tal-Midneb!

*Ta'* KARMENU VASSALLO

Kien għax ħajja mill-agħar. Jekk ħolma fiergħa
għalih il-Liġi t'Alla, biċċa bluha
kienet il-Liġi tan-Natura : daħka
fil-wiċċ u ħrafa ta' taqrir! Għalih
kien hemm biss ħajja ta' bla xkiel u rabta :
ħajja ta' għors, ta' żina, ta'tgawdija
mingħajr ilġiem ta' xejn. Il-bniedem bhima
— kien igħid u jħoss hu — u bir-raġuni
tasal biex tara u tifhem li mill-bhejjem
hu l-aktar wieħed iblah: għax hu biss,
fost il-bhejjem ta' l-art, minn rajh, minn jeddu
iġġennen hekk li tgħallaq b'liġijietu —
liġijiet ta' tiċħid, timnigħ u biża'
mit-"tajjeb" tagħhom li jsir "ħażen" fina.

* * *

Ismu w-egħmilu kienu
mhux fuq xofftejn il-ftit :
kienet taf bih kotra bla għadd fejn twieled :
b'faħxu kont tisma', kull fejn tmur, sikwit.
Ma kinux tnejn jew tlieta
dawk li tbennu f'dirgħajh
awl il-lejl u mjassrin sebħu fil-għodu
bil-għajb tad-dnub u s-semm li jħalli wrajh.
F'kemm-il dar ta' l-iltiema
jafu biss il-ħitan
kemm, minflok talb, saħtiet heżhżu l-imrammi
kontrieh talli kien biegħhom lix-xitan.
U kienu kemm-il rokna
fejn sewwed il-ħaxix
u nħaraq b'nar il-ħalf u d-dagħa ta' lsienu
u b'egħmil ieħor tiegħu ta' tkexkix.
U dan f'kemm-il rebbiegħa
u f'kemm-il xitwa għaddew
minn ftuħ żgħożitu sa ma s-snin bit-toqla
tal-mard u l-qtigħ-il-jies għomru għabbew.

* * *

Kien jum ta' waħx. Mhux xita traxxax, lanqas
beraq ileħħ u ragħ'd ikarwat w-ilħna
jingħu ta' rjieħ, donnhom erwieħ mitlufa,
kien hemm f'ġuf l-ajru; iżda għata tqil
bħaċ-ċomb u lewnu, u reżħa xxoqq il-għadam,
u toqla taqta' n-nifs, u dieqa u ħemda
donnha ta' qabar. Hin bla waqt, twerżiqa
qisha ta' tromba mażrżra, għajta maħnuqa
ma' karba ta' wġigħ kbir taqsam u tikser
dik is-sikta ta' waħx b'waħx ieħor eħrex
u eqqel minnu. Lejn l-imkien tal-biża'
tersaq in-nies maqtugħa. Daħna sfiqa
u sewda faħam, bħal sikkina fl-artab,
tinfed u toħroġ barra x-xquq tat-twieqi
imsakkra u tal-bibien u l-ħajt b'żewġ saffi
ta' dar l-imsejken. Bi tbatija u saħħa
jintafa' ġewwa bieb id-dar u tidħol
uħud mill-kotra. Biża' kbir jaħkimha
hekk kif tilmaħ idaħħan qalb l-intejjen
ġisem bla ħajja li, xħin lilu tgħatti,
jinħarqilha l-liżar u l-gverta u kollox
b'ilsna tlebleb ta' nar — l-infern tal-midneb!

---

(Il-ħjiel ta' dawn il-ftit versi nibet u xegħel fija meta kont għadni ngħallem fil-Kulleġġ San Alwiġi ta' Birkirkara. Kont smajt b'mewta kerha ta' bniedem li xejn, milli jidher, ma kien għax ta' *nies*. Żmien wara ħlomt li ġemgħa ta' nies kienet qed tipprova tgeżwer f'liżar jew fi gverta l-ġisem mejjet ta' dal-flien; imma li tagħmel dan ma rnexxilhiex għax ta' kull darba l-għata beda jinħarqilha.—L-AWTUR.)

# Pape Satan Aleppe ...

*Kummiedja f'Att Wieħed ta'* ALBERT M. CASSOLA
*(Jaqbad mal-Għadd ta' Diċembru, 1948)*

DEMONJU : Hati ta' ereżija...

LUĊIFRU : Żomm hemm; insomma mhux Santinu żgur. Itfgħu ma' sħabu fis-sitt ċirku, tie!et klassi intermedja. Il-lejla narġa' narah.

ĠUDA KAROTA : Skużi, Belżebù, imma nfurmawkom ħażin. Jien ma ġejtx hawn għax ereżjarka...

DEMONJU : Mhux għax ereżjarka biss imma għax traditur ukoll. (*Jaqra*) L-akkuża tgħid : "Fl-ewwel kap, Ġuda Karota jinsab ħati ta' ereżija; fit-tieni kap, ħati ta' tradiment lejn pajjiżu..."

LUĊIFRU : Mela tista' tqiegħdu fl-ewwel klassi tad-disa' ċirku u mbagħad nerġgħu nitkellmu. Eħlisni minnu. Neħħihu!i minn quddiemi. L-ieħor, l-ieħor fix inhu sadattant?

DEMONJU : Halli nieħu lil Ġuda.

ĠUDA KAROTA : Jien nipprotesta, Belżebù...

LUĊIFRU : Qabbiżuli 'l barra (*lil DEMONJU*).

DEMONJU : (*lil ĠUDA KAROTA*) Imxi, suq...

ĠUDA KAROTA : Imma jien... Stennew daqsxejn... Halli ngħidilkom......

DEMONJU : Mhux issa : barra. Imbagħad Satana jarġa' jarak. (*iqaċċtu 'l barra, minn denbu, u joħroġ miegħu*).

LUĊIFRU : (*imgħaddab, jaqbad it-telefon*) Operator, qiegħda tħawwadli d-dinja, ċjoè l-infern. Għedt li sa jibagħtuli lil ċertu Santinu u minfloku ġieni ħaddieħor. Le, xejn, m'hemmx skużi : int moħħok ma hux f'loku : inti moħħok iċċempel lil xi xitan li għandek grazzja miegħu u ma taqdinix sewwa lili. Imma talli tagħmel dan inqallgħek sittin daqqa frosta. Ma rrid naf b'xejn (*Isabbat ir-receiver*).

DEMONJU : Rasu iebsa dan Ġuda, rasu iebsa, o Satana.

LUĊIFRU : Hawnhekk irattabha malajr! U Santinu għadu ma ma wasalx... X'ħin sar?

DEMONJU : Il-ħdax u ħamsa u għoxrin, Satana. Iddawwar sewwa...

SANTINU : (*minn barra l-bieb*) Iftħuli! Iftħuli! Iftħuli l-bieb.
LUĊIFRU : Dan min hu?
DEMONJU : Dal-leħen qatt ma smajtu hawn ġew għalkemm jidhirli li nafu. Ma sata' daħal ħadd hawn ġew bla ma qalulek, Satana.
LUĊIFRU : Ma tistax tgħid. Sar hawn taħwid wisq. Sirna repubblika. Kulħadd jitnikker, kulħadd jitgħażżen, kulħadd jipprova jiskarta x-xogħol. Ma niskantax li jkun daħal xi xitan ġdid u ma għarrfunix. Imma ħażin għalihom; għax nagħmel waħda minn tiegħi.
SANTINU : Iftħuli għax m'iniex nara fid-dlam.
DEMONJU : Jekk mhux Santinu! Il-vuċi qisha tiegħu. Imma allura kif sata' daħal bla ma għarrfuna xejn...
LUĊIFRU : Tiskantax li hu. L-operator sa nwaħħlilha xebgħa foxxna. Ma tafx fejn hi rasha. Ma tafx x'inhi tagħmel. Għandha moħħha mtajjar wisq.
SANTINU : Sa tiftħuli jew narġa' nitla' 'l fuq?
DEMONJU : Dana Santinu żgur. Din x'biċċa hi? Sa mmur niftaħlu, ja biċċa ta' xitan.
LUĊIFRU : Iftaħ u ddumx. U ġibu hawn quddiemi.

*DEMONJU jmur jiftaħlu. Jidħol SANTINU liebes ta' anġlu, kollu abjad u bil-ġwinħajn. Għandu bagalja f'idu. LUĊIFRU u DEMONJU jibqgħu miblugħin.*

LUĊIFRU : (*imnixxef*) Min bagħtek hawn? Min libbsek hekk? Hawn ġej biċ-ċajt?...
SANTINU : (*qisu mhux hu*) Lili qed tgħid?
LUĊIFRU : Iva, lilek; mela lil min?...
SANTINU : Hawnhekk jien ġejt biex nara lill-ħabib tiegħi, dak id-demonju... (*għal DEMONJU*).
DEMONJU : (*imnixxef għall-aħħar*) Għandek il-wiċċ issa wkoll, ukoll wara mewti... Sa tibqa' tippersegwitani?... Min bagħtek hawn?... Liebes hekk...
SANTINU : Oqgħod hemm int u tindaħalx.
DEMONJU : Għandek tkun għadek ma tafnix lili...
SANTINU : U ngħid nafekx! Ma tbiddilt xejn int minn mindu kont nafek fuq l-art. Dejjem demonju kont. Min jaf kemm bgħattni għand boxxla xjaten : fl-aħħar ġejt magħhom int!

DEMONJU : U int ukoll...

SANTINU : Jien ġejt minħabba fik, biex nara lilek, biex inkun żgur li inti qiegħed f'postok u mmur lura b'rasi mistrieħa.

LUĊIFRU : X'int tħawwad, għidli ftit? Jekk int ġejt hawn biex toqgħod, merħba bik! Aħna iżjed ma nkunu iżjed aħjar. Iktar ma jikber in-numru tas-sudditi tiegħi iżjed jikber il-poter li għandi. Imma fil-kas, mur biddel dik il-libsa li tfakkarni fiż-żminijiet sbieħ meta jien kont bħalek u isbaħ minnek... Mur ilbes l-uniformi tagħna.

SANTINU : Li jien sabiħ persważ imma li int qatt stajt kont sabiħ ma nistax nemmen.

LUĊIFRU : Jiena Luċifru! Jiena, jaħasra, kont l-isbaħ anġlu.

DEMONJU : Luċifru kien l-isbaħ anġlu tal-ġenna.

SANTINU : U issa l-ikrah demonju ta' l-infern.

LUĊIFRU : Kemm kont sabiħ jaħasra! Madankollu jaħasra xejn : għax jien setgħan u kbir; jien il-kap ta' miljuni u miljuni ta' sudditi. Għalija aħjar insaltan fl-infern milli nservi xi nkien ieħor. Imma sadattant għadek ma għedtlix sewwa x'ġiebek hawnhekk u intix għal magħna. Jiena nistqarrlek li dawn ixxjaten ħaduli rasi u ma nafx fejn jien. X'inhu jsir hawn ġew ma nistax nifhem. Qed iħawduli wisq. La kont naf bik u xejn. Hadd ma għarrafni b'xejn.

DEMONJU : Jew forsi... imma le... kif jista' jkun...

SANTINU : Għid, x'kont sa tgħid, int?

DEMONJU : Le, xejn.

SANTINU : Hallik minn xejn : ohroġha, tkellem.

DEMONJU : Għaddieli ħsieb.. Għedt forsi inti tlift it-triq u bqajt nieżel hawn.

SANTINU : It-triq ma tliftha xejn. Jien naf biżżejjed mnejn għandi ngħaddi. Biex ġejt hawnhekk lanqas ta' gwidi ma kelli bżonn. Imxejt fuq il-mappa u ma żbaljajtx. Il-ġografija ta' l-infern malajr tgħallimtha, avolja hawn il-kobor.

DEMONJU : Imma, narġa' u ngħid, il-kundanna tiegħek żgur għall-infern kienet. Traditur bħalek! Hawnhekk int ġejt biex tibqa'.

LUĊIFRU : Skond l-informazzjonijiet tiegħi, int għall-infern.

DEMONJU : Mhux billi lbist ta' anġlu! Int dejjem ta' hekk ridt tgħaddi kieku, ukoll fuq l-art; imma jiena naf... jiena naf tajjeb x'anġlu fik!...

LUĊIFRU : Inti akkużat li ttradejt diversi rġiel ħbieb tiegħek u fosthom lil dan is-sudditu tiegħi hawn magħna. Tant hu hekk li fis-sagħtejn ta' l-agunija tiegħek dan id-demonju ġġieled bis-sħiħ mal-għadu tiegħu imma spiċċa biex rebaħ hu. Meta Ċensa l-Mewt, il-messaġġiera tiegħi, ħaditek magħha dan id-demonju ħareġ trijonfanti għax kien rebaħ hu.

DEMONJU : Jien irnexxieli niġbdek miegħi ħalli npattilek ta' kulma għamiltli.

SANTINU : (*jibda jidħak igħajjat u jferfer ġwenħajh qisu sa jtir*) Imbeċilli!

LUĊIFRU : X'int tidħak bħalek? Hawnhekk m'aħniex taddaħk!

DEMONJU : X'int tferfer ġwenħajk, qisek għasfur tal-bejt?

LUĊIFRU : Żomm serju quddiem Luċifru r-re u imperatur. Għidilna ftit x'inhi dil-biċċa. Kif ġejt hawnhekk taħt dik is-sura?

DEMONJU : Obdi lis-sultan tiegħek: ara x'saqsiek.

LUĊIFRU : Obdi!

SANTINU : Luċifru sultan u skjav.

LUĊIFRU : Irsir m'iniex...

SANTINU : Luċifru sultan tax-xjaten imma skjav tas-suppervja u l-ambizzjoni.

DEMONJU : Isma' x'inhu jgħid, Satana. Xi lsien ħażin! Luċifru prinċep!

LUĊIFRU : Issa jkun jaf ma' min qiegħed jagħmilha. Nurih malajr! Agħtih mitt daqqa foxxna. Sawtu kemm tiflaħ.

DEMONJU : Bil-qalb, Satana. (*DEMONJU jmur biex isawtu iżda SANTINU jtajru minn ħdejh u jaqilbu fl-art. DEMONJU wara li tant ikun feraħ, issa jibda jgiddem difrejh*).

SANTINU : Ma tistgħux għalija, intom. Jien aqwa minnkom.

LUĊIFRU : (*imnixxef*) Dan kif? (*lil SANTINU*) Allura tassew li int m'intiex demonju, subaltern tiegħi. (*lil DEMONJU*) Allura inti wkoll, demonju ċkejken, qar-

raqt bija. Int għedtli li l-ħabib tiegħek Santinu rbaħtu int! Mela mhux tassew! Int ma rbaħt xejn!

DEMONJU : Aħfirli, Satana. Hekk mingħalija jien. Possibbli li ħadt żball? Din l-ewwel darba li ġrali hekk. Jien m'għandix tort...

LUĊIFRU : Għandek u nofs u taqla' xebgħa kif imiss minn għandi stess.

DEMONJU : Le, le, jaħasra! Għadni ma nistax nemmen. Jien għalija rbaħt. Saqsih daqsxejn kif kienet il-biċċa.

LUĊIFRU : Tindaħaliix. Ħallini nagħmel jien. M'int tajjeb għal xejn. Ma tiswa xejn. (*idur fuq SANTINU*) Ladarba ma nistax għaliik, ikolli nbaxxi rasi u nitolbok tispjegali din il-biċċa kif inhi. (*jiftakar f'DEMOJU*) Imma stenna ftit. Mhux quddiem sudditu tiegħi. Dan qatt ma jkun. (*lil DEMONJU*) Itlaq 'il barra, int! Ma rridekx tisma'. Oħroġ.

DEMONJU : Ħallini, Satana. Għandi kurżità li ma ngħidx biex nara kif...

LUĊIFRU : Itlaq 'il barra, għedtlek! U titbiegħedx minn hawn biex jekk inkun irridek insejjaħlek.

DEMONJU : Serv tiegħek (*joħroġ*).

LUĊIFRU : Għidli, issa li aħna waħedna, wiċċ imbwiċċ, fissirli ftit, jekk jogħġbok, dil-praspura. Għalfejn ġejt hawn? Xi trid? Kif sibt irkabtu? Għaliex dan id-demonju qalli li int għal magħna fil-waqt illi m'intix? Għaliex?

SANTINU : Bil-mod. Hudha bil-mod. Toqgħod tisħon xejn għax għandek sħana ta' forn hawn ġew.

LUĊIFRU : Min-nar x'tistenna? Hawn dejjem hekk.

SANTINU : Imma insomma, ara, tridx tiftaħ xi tieqa għax la noħroġ nieħu riħ.

LUĊIFRU : Kemm inti furjuż?

SANTINU : Kemm jogħġobni, qalbi. Jien m'iniex imdorri hawn. Iftaħ it-twieqi għax qed ixoqq il-għaraq għalija. Rewwaħli ftit.

LUĊIFRU : It-twieqi ma niftaħhomx. Nibża' li xi demonju jfettillu jaħrabli. Hawn kollha xjaten, taf. Kollha tentazzjonijiet. U ħadd m'hu qiegħed hawn għal qalbu.

SANTINU : Barra minni. Jien hawn ġejt għal ftit. Imma l-ftit

li sa noqgħod sa jkun għal qalbi ħafna. Biss sħana wisq. Jekk tibża' tiftaħ it-twieqi, islifni palju.

LUĊIFRU : Palju nagħtik. Hu tiegħi. (*Jisilfu palju*). Issa għidli. Irrakkuntali. Spjegali ftit.

(*jissokta*)

## "SHERRY PARTY" MOGĦTI MILL-"GĦAQDA" LIT-TABIB KAV. ĠUŻÈ GALEA, M.D., D.P.H., M.B.E., FL-OSBORNE HOTEL

Fit-22 ta' Jannar il-"Għaqda" tat *Sherry Party* lill-President tagħha, it-Tabib Kav. Ġ. Galea, M.D., D.P.H., M.B.E., bħala sinjal ta' qima u ferħ wara li dana ġie mill-Maestà Tiegħu r-Re mżejjen bit-titlu ta' M.B.E. Il-"Għaqda" mal-erba' xhur ilu kienet ukoll fissret il-ferħ tagħha lill-President wara l-miġja tiegħu u tas-sinjura tiegħu mill-Ingilterra u mill-Iskozja bi Pranzu fl-"Hotel Phoenicia" fl-okkażjoni taż-żewġ kariki għolja, ta' Lettur tal-Mediċina Legali u ta' Tabib Anzjan fl-Uffiċċju Sanitarju, li fihom kien laħaq; u l-President mill-banda l-oħra għoġbu wkoll ifisser ir-radd tal-ħajr u l-għożża tiegħu lejn is-sentimenti tal-"Għaqda", billi, kif diġà ħabbarna fil-*Malti* ta' qabel, stieden għal "At Home" il-Membri bis-Sinjura tagħhom fl-okkażjoni tad-dekorazzjoni ta' l-M.B.E. Din id-darba l-"Għaqda" ħasset ukoll li għandha tfisser il-ferħ tagħha għal dan il-ġieħ li mas-Sena l-Ġdida lilu ngħata mir-Re.

Il-laqgħa ta' din id-darba ma kenitx inqas ta' ferħ u hena miż-żewġ laqgħat ta' qabel u fiha l-membri tal-"Għaqda' u l-mistednin tagħhom setgħu jkollhom l-isbaħ okkażjoni jitkellmu u jedhew bil-kumpannija ta' xulxin.

Fost il-membri tal-"Għaqda" kien hemm dawn is-sinjuri, xi wħud bis-sinjura tagħhom ukoll :— Apap Victor u s-sinjura, Prof. Aquilina Jos., u s-sinjura, Agius Marju, Biancardi Nikol, Dr. Briffa Rużar, Busuttil J.E., Av. Buttigieg Anton, Caruana Savier u s-sinjura, Cassar Pullicino Ġ., Chetcuti Ġ., Cremona A., Muscat Azzopardi Ivo (organizzatur tal-*Party*), Kissaun Michael, Ransley George, Tabone Patri Pawl, Zahra Walter, Zarb Adami Godfrey u s-sinjura, Vassallo Karmenu. Fost il-mistednin kien hemm : il-President tal-"Għaqda" Dr. Galea G. u s-sinjura; Darmanin Vladimir; Ellul Edw., Kummissarju għal Malta f'Londra; Muscat Azzopardi Ugo u s-sinjura.

# Reċensjonijiet

**GĦANA GĦAT-TFAL** — Ta' Mary Meylak. — Lotus Press, Żejtun. — 1949.

F'REĊENSJONI oħra (*) kont faħħart lil Dun Frans Camilleri għax għandu xeħta jikteb ħafif iżda li jolqot u kont ktibt: "Dan hu don rari fil-poeti. Il-poetessa Mary Meylak għandha dan l-istil." Donnha bħala xhieda ta' dak li jien kont għidt, issa ħareġ dan il-ktieb ta' Għana li jekk taqbdu biex taqrah ma titilqux qabel ma tkun qrajtu għal darba tnejn.

Jinkitbu ħafna kotba b'ħafna b'fehmiet, iżda ftit huma dawk il-kotba li laqtu t-tir tagħhom bħal dan l-aħħar xogħol tal-poetessa Għawdxija; jien qrajt żewġ għanjiet minnu lit-tfal li mill-ewewl xorbuhom; u dan ma jistax jonqos: il-għana ħafif, sabiħ, ritmiku u jdoqq fil-widna, wieħed jitgħallmu bla tbatija, jiftakru malajr u jlissnu bil-ħeffa. Il-poetessa tidher li hi Sinjora u taf x'jixraq u x'igħodd għat-tfal u x'jogħġobhom. Ma'dankollu hi kitbet bosta xogħlijiet oħra fuq suġġetti varjati u ta' stil differenti u dejjem uriet ħila u sengħa ta' min ifaħħarha.

Bi stil sabiħ u ferrieħi, Mary Meylak kitbet f'dan il-ktieb għana li jaqbel għal ħafna miċ-ċirkustanzi li t-tfal isibu ruħhom fihom: meta jorqdu, meta jqumu, meta jkunu ma' ommhom jew ma' nanniethom, meta jmorru għall-festi, meta jilagħbu ma' l-annimali, meta joħorġu fix-xita jew fir-riħ.

*"Il-bhejjem u l-għasafar*
*Xtiel, siġar, ward ħelwin*
*Kull m'hawn aħwa ġod-dinja*
*Ilkoll tfal tal-Bambin".* (Inħobb 'l Alla).

Il-poetessa għandha ħabta wkoll tinqeda bl-onomatopeja biex tagħti tifsira ħajja tal-kitba tagħha; isimgħu dawn il-versi fuq iċ-*Ċana*:

*"Tħaxwex, tħaxwex, tmewweġ, tmewweġ,*
*Bħal sriep bojod jew kannella,*
*Garigor tal-karti, iċ-ċana,*
*Donnha nħattet xi rotella".*

Fil-qoxra tal-ktieb hemm li dan l-ewwel fost oħrajn li l-poetessa biħsiebha toħroġ bħalu; nittamaw li sħabu ma jdumux ma jidhru; frattant aħna nirrikkmandaw lill-qarrejja tagħna biex jixtru kopja malajr.

G.

**IL-GĦAQDA U L-QAWWA.** — Perjodiku — Sena 3, Nru. 10— Lux Press.

PERJODIKU ta' tagħlim siewi u ta' fejda li jgħodd għal idejn kulħadd. Hu leħen il-Moviment Kattoliku *Pro Sacerdotibus Christi* u barra li fih affarijiet dwar dan il-moviment ta' ħtieġa u ta' ġid fil-ħajja reliġjuża soċjali, il-perjodiku fih ukoll artikoli ta' interess ġenerali u miktubin tajjeb ħafna. Nirrikkmandaw lil kulħadd biex igħin il-moviment u jibgħat offerti għal din ir-rivista.

---

(*) Leħen il-Malti—Għadd 212-214.

**IL-ĦAKMA FRANĊIŻA F'MALTA**—Ta' Jos. Galea, F.R.A.I. —Stamperija Giov. Muscat, Valletta, 1948.—Paġ. 90.

DAN il-ktieb ta' storja kif titlob is-sengħa ta' daż-żmien; għax il-lum l-istorja ma titqiesx bħala lista ta' dati u fatti, iżda bħala studju ta' ċirkustanzi u ġrajja midmumin flimkien hekk li waħda titnissel mll-oħra u kollha f'daqqa jsawru xejra ġdida fil-ħajja tal-poplu u fil-ħakma tal-pajjiż.

Fl-ewwel biċċa tal-ktieb l-Awtur għamel stħarriġa fuq il-qagħda ta' Franza fl-aħħar żmenijiet ta' l-Ordni f'Malta għax il-Ħakma Franċiża f'Malta kellha l-egħruq tagħha fit-taqlib li sar fl-Ewropa kollha u l-aktar fi Franza wara r-Rivoluzzjoni; huwa jsemmi bir-reqqa l-maneġġi li saru favur u kontra l-Ordni, għax milli jidher kien hemm ħami minn taħt mhux ftit billi kien hemm fin-nofs interessi kbar u mhux interessi politiċi biss, iżda wkoll interessi kummerċjali, finanzjarji u fondjarji; prova ta' dan huma l-ħafna memorandi li kitbu l-Kmamar tal-Kummerċ ta' Marsilja, ta' Lyons, ta' Guienne u ta' Bordeaux.

Għoġbitna wkoll l-istħarriġa li Galea għamel dwar ir-relazzjonijiet li l-Ordni kellu mar-Russja. Din hi biċċa mill-istorja tal-Kavalieri li ftit awturi għadhom messew fuqha, hi ta' interess kbir l-aktar f'dawn iż-żmenijiet meta r-Russja qiegħda tgħolli leħenha ġmielha u dlonk titfa' għajnejha lejn il-Mediterran; l-Awtur fisser tajjeb kif twaqqaf il-Prijurat tar-Russja fl-Ordni u semma bosta kotba u dokumenti fuq ir-relazzjonijiet ta' l-Ordni ma' Moskovja, iżda hemm kotba oħrajn li jistgħu jagħtu dawl fuq din il-ħaġa, ngħidu aħna l-ktieb fuq il-Kavalier Anthony O'Hara*.

L-Awtur isemmi wkoll fuq il-bidu tal-Mażunerija f'Malta u jagħti bosta tagħrif dwar din il-għaqda li dejjem inżammet f'satra kbira, hu kiteb ħwejjeġ ġodda u ta' interess kbir għalkemm mhux dejjem semma mnejn ġabarhom e.g. il-Loġġa tal-Mażuni fil-*Ġnien tal-Milorda*, il-Furjana (paġna 30). Nixtiequ li Galea jitħajjar jiġbor tagħrif aktar fuq dan is-suġġett għax naħsbu li l-Mażunerija deffset denbha f'xi ġrajjiet tal-Gżira tagħna.

Il-ktieb jinqara bil-ħeffa, hu ta' tagħlim mhux biss għal min jistudja l-istorja, iżda għal kull min jaqrah; stampat ċar, bi stampi sbieħ u dokumentat tajjeb. Nirrikkmandawh bi pjaċir lill-qarrejja tagħna.

G.

**IL-FQIR U L-GĦANI** — Ta' Patri Paul Galea, O.P. — Stamperija ta' Giov. Muscat, Malta, 1949.—Paġ. 28.

PATRI Pawl Galea, S.Th.Lect. & Lic., O.P., inxteħet għall-istudji soċjali, u b'dik il-ħrara tiegħu qiegħed jagħti xejra ġdida u ġusta lill-kwistjonijiet soċjali.

Dan hu ktieb li jmisshom jitgħallmuh bl-amment dawk li għandhom għal qalbhom il-ġid tal-ħaddiema; l-awtur b'għaqal li ma bħalu u b'għerf kbir, jiddiskuti fuq l-aktar ħwejjeġ li jolqtu mill-qrib lill-ħaddiem u lil min iħaddem, għax hu, bħala prinċipju, iżomm li għandha tkun hemm

* "*Anthony O'Hara, Knight of Malta*", Richards, London, 1938.

rabta qawwija bejn dawk iż-żewġ elementi ewlenin ta' l-istat. Il-fqir u l-għani għal Patri Pawl huma żewġ elementi mhux ributtanti iżda adjuvanti, għax it-tnejn igħinu lil xulxin: il-għani għandu dmirijiet lejn il-fqir u dan marbut ma' min jista' jgħinu. "Il-għani wara li jkun qeda ħtiġijietu, ma għandux iżomm iż-żejjed ta' ġidu jekk mhux b'risq min għandu n-nieqes", igħid l-awtur u dan hu prinċipju fondamentali li minnu tiddependi l-hena tal-bnedmin u l-paċi tad-dinja.

Patri Galea jagħti tifsira siewja fuq id-dmirijiet tal-Gvern, sa fejn għandhom jaslu u lil min jolqtu. Il-Gvern għandu jintrefa' 'l fuq minn kull interess partitarju u għandu jħares biss lejn il-ġid kollettiv. Bejn il-ħaddiema u min iħaddem "il-Gvern mhux biss għandu jħabrek ħalli l-ħaddiema jagħtu xogħol tajjeb għall-ħlas tajjeb, iżda għandu jgħin ukoll ħalli l-ħaddiema għaqlin u bieżla, jkunu jistgħu jaslu biex ikollhom sehem fil-proprjetà u fit-tmexxija ta' l-industrji."

Il-lum kulħadd iħanbaq fuq it-taxxi, iżda kieku dawk li, bla ma jifhmu, jitkellmu fuq it-taxxi, jaqraw dan il-ktieb, jaraw kemm huma ta' interess kbir u essenzjali biex il-pajjiż jimxi 'l quddiem u l-poplu jgawdi dak il-ġid u dawk il-benefizzji li jistħoqqulu bħala ċittadini għaqlin u ħabrieka.

Jiena ma nsibx tifħir biżżejjed biex inħeġġeġ lil Patri Pawl ħalli jissokta f'din il-ħidma ta' studji soċjali li qabad, imma ma nistax nagħlaq dawn il-kelmtejn bla ma nfisser ix-xewqa tiegħi u ta' eluf oħra bħali li nixtiequ naraw aktar minn dawn il-kotba tiegħu għax nafu li huma ta' ġid kbir fost il-klassijiet kollha. G.

**NISEL IL-BNIEDEM** — Minn Rob. Mifsud Bonnici. — Progress Press, Malta, 1949.—Paġ. 26.

DAŻ-ŻMIEN issib x'uħud li biex jagħmluha ta' għorrief tismagħhom jitkellmu fuq bjoloġija, evoluzzjoni u storja naturali. Bosta minn dawn ma jitkellmux fuq dawn ix-xjenzi għax ikunu għamlu studji fuqhom, iżda għax ikunu qraw xi ktieb miktub minn xjenzati barranin u li bosta drabi ma jkunx igħodd għal idejhom.

L-istudju tax-xjenza dejjem iqanqal interess u ħrara fost in-nies ta' intellett, iżda mhux kulħadd jista' jindaħal għalih, għax barra għerf, kultura u edukazzjoni, teħtieġ tħejjija u taħriġ biex wieħed ikun jista' jiżen bil-għaqal u jixtarr sewwa dak li jaqra.

Is-Sur Rob. Mifsud Bonnici, kittieb mill-aktar magħrufin u awtur popolari ta' dik id-damma ta' kotba "*Bejnietna*", issa ndaħal għal din il-biċċa xogħol ta' studju fuq l-evoluzzjoni. Din hi biċċa xogħol iebsa ħafna, iżda hu għaraf ifissirha bil-għaqal u jaqlagħha b'ħila kbira.

L-awtur jidher li qara ħafna fuq is-suġġett tiegħu u ġabar minn bosta kotba; hu qabbel għall-qarrejja Maltin dak li jgħodd għalihom u naqqa dak li ma jiswielhom xejn. Għoġobna kif għaraf iqabbel it-tagħlim tal-Bibbja ma' bosta kwistjonijiet ta' evoluzzjoni u ta' bjoloġija.

Dan hu ktieb li nixtiequ naraw f'idejn kulħadd, jiswa mitqlu deheb u nafu li jisfa' ta' ġid bla tarf, għalhekk ma nistgħux ma nirrikkmandawħx b'qalbna kollha. G.

**IL-MUŻA MALTIJA** — Antoloġija ta' Poeti Maltin. Miġbura mill-Professur G. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.).

Minn mindu fl-1852 kienet dehret l-ewwel ġabra ta' versi Maltin għat-tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern miktubin minn Dun Dovik Mifsud Tommasi (versi sagri) u minn Ġan-Anton Vassallo (versi morali u varji), aħna qatt ma kellna x-xorti li naraw qabel din id-darba ġabra ta' versi xierqa miġburin f'daqqa li jagħtuna xi ħijel tal-letteratura poetika Maltija. Tassew li, kif isemmi l-kompilatur tal-*Muża Maltija* fl-introduzzjoni tiegħu *Poeżija u Poeti*, il-poeżija letterarja Maltija—neħħi xi versi 'l hawn u 'l hinn li kienu dehru mis-Seklu Sbatax 'il hawn f'xi manuskritti jew f'xi ktejjeb jew f'xi ġurnal—bdiet tfeġġ fl-ewwel ħeġġa tagħha u b'qawwa kbira dwar l-egħluq tas-Seklu Dsatax, tista' tgħid mal-poeżija ta' Ġużè Muscat Azzopardi li fuq dik tal-versi Taljani kien, lill-poeżija Maltija, taha l-bixra klassika. Iżda mat-twelid tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, li nibtet mill-istampa tajba ta' "Il-Ħabib", nistgħu ngħidu, minn ftit xrariet ta' versi Maltin li tkebbsu mill-ġenju poetiku ta' kittieba bħalma kienu Dun Karm u Patri Cuschieri taħt il-veteran Ġużè Muscat Azzopardi, il-ħuġġieġa xegħlet f'daqqa, għax ma' dawn il-pijunieri tannazzjonaliżmu poetiku Malti ixxierku oħrajn żgħażagħ, u ma' dawn dejjem baqgħu jiżdiedu oħrajn. Imbagħad, mat-twelid u twaqqif tal-Għaqda Universitarja tal-Malti, tnisslet ukoll il-poeżija taż-żgħażagħ studenti li kulma tmur qiegħda turi l-ġenju poetiku qawwi tagħha li ftit ftit qed jinfatam mill-fisqija tal-konvenzjonaliżmu klassiku biex jinkesa fil-ħsieb u fl-istil bil-libsa ġdida ta' l-oriġinalità romantika—li tkebbset fir-ruħ ta' l-istudenti mill-ewwel xrariet tal-poeżija ta' Rużar Briffa.

Min-nieqa tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* għandna, għalhekk, l-ewwel fergħa taċ-ċipp letterarju Malti ta' l-iskola klassika tal-Missier talletteratura Maltija Ġużè Muscat Aziopardi—imnebbħa aktarx minn awturi Taljani, fil-waqt li min-nieqa tal-Għaqda Universitarja nibtet it-tieni fergħa taċ-ċipp letterarju poetiku Malti li fiha tiġbor il-prodott ta' żerriegħa mill-ġonna tal-letteratura moderna, sew Ingliża kemm Taljana u ta' ilsna oħra.

* * *

Il-poeżija ta' qabel Muscat Azzopardi hija iktarx fqira fl-idejiet, firritmu u fl-istil, u fost il-ftit poeti ta' dawk iż-żminijiet m'hemmx ħlief Dwardu Cachia, li baqa' msemmi għar-romanza tiegħu *Ketrin ta' l-Imdina* li hija ġawhra ta' versi Maltin, u Ġan-Anton Vassallo, li fl-ottonarji tiegħu, għandu l-isbaħ ġabra bikrija ta' poeżija lirika mexxejja, idjomatika u ċajtiera Maltija li s'issa ma sabet lil ħadd min jimxi warajha u jgħaddiha, u għalhekk baqgħet weħidha u biha l-kompilatur tal-*Muża Maltija* ma deherlux li għandu jżewwaq il-ġabra tiegħu għaliex forsi, skond il-kriterju tiegħu, ma tidħolx ma' dik li tista' ssejħilha tassew letterarja meta xxebbaħha ma' oħrajn ta' ġens ieħor.

* * *

F'din l-Antoloġija għandna mera tal-ġenju poetiku letterarju Malti mindu twieled sal-lum u, għalhekk, nistgħu nqisuha bħala l-ewwel antoloġija monumentali tal-poeżija Maltija. Jisgħobbina li l-wisa' ma jagħti-

niex biex niżnu u napprezzaw il-kriterji tal-kompilatur fil-ġabra ta' din l-antoloġija—kif imfissrin fl-introduzzjoni ta' l-antoloġija. Għalkemm milli jidher, fil-versi ta' xi poeti ġodda l-kompilatur jara sentimentaliżmu u immaġinazzjoni oriġinali li jitfu u jidfnu l-poeżija qadima, aħna naħsbu li f'dik ta' l-aħħar hemm ukoll 'il hawn u 'l hinn ħwejjeġ ġodda x'tiżen u x'tapprezza għal dak li hu ħsieb, stilistika u ritmu—għaliex poeta xiħ jista' xi mindaqqiet jimmaniġġa kemm-il pinna, sew tal-klassiku, kemm tar-romantiku, kemm ukoll tar-realistiku; kif xi mindaqqiet poeta futurista jista' mill-astrusità jaqleb għas-sempliċità ta' espressjonijiet profondi. U din hija wkoll arti moderna li nsibuha f'poeti xjuħ ta' ilsna oħra, kif dlonk naraw li xi poeta żagħżugħ, mill-armonija poetika ta' Tennyson u s-sempliċità u ħlewwa ta' Swinburne, jaqleb għall-ħmuxija tal-Carducci u għall-oskurantiżmu tal-Browning, kif dlonk naraw li l-oriġinalità tal-poeżija tal-D'Annunzio hija mħallta b'dik ta' Shelley.

* * *

Naħsbu illi kieku ma' l-apprezzamenti għaqlin u tar-reqqa, għalkemm, forsi mhux dejjem proporzjonati bejn dawk ta' poeta u ieħor, għal dik li hi kwantità u kwalità ta' versi, il-kompilatur żied xi noti f'qiegħ xi poeżiji 'l hawn u 'l hinn, l-iktar fejn xi versi huma auto-bijografiċi, storiċi, simboliċi jew filosofiċi, dawn kienu jkunu ta' għajnuna kbira lill-qarrej u l-qarrej kien jista' iżjed japprezza l-ħsieb ta' l-awtur.

'L hawn u 'l hinn intqal li din l-antoloġija ma tħaddanx il-ġenju poetiku kollu tal-kittieba tal-Malti. Mhux kull antoloġija ssibha dejjem u bil-fors imgħammra bl-elementi kollha tar-razza poetika kollha ta' Lsien. Il-kompilazzjoni ta' antoloġija ssir taħt bosta ċirkustanzi ta' taqsim, wisa', ecc., u poeżija li għal xi wħud hija mill-aħjar tista' ma ssibx irrokna sewwa fil-kriterju tal-kompilatur li fih ħadd ma jista' jindaħal. Madankollu aħna nittamaw illi fejn jista' jkun li hemm xi vojt il-kompilatur f'edizzjonijiet oħra jagħraf jimliħ b'dak id-dehen u ħaqq skond ma jixraq sabiex din l-antoloġija dejjem tikber u tiżżejjen b'xogħlijiet letterarji ġodda li minnhom m'aħniex neqsin.

Nittamaw ukoll li wara din il-biċċa xogħol il-kompilatur jagħtina xogħol ieħor mhux inqas meħtieġ u ta' fejda, jiġifieri dak ta' studju kritiku sħiħ tal-poeżiji ta' Maltin xjuħ u żgħażagħ li tagħhom il-lum għandna familja kbira mhux ħażin—xogħol li għalih, minn mindu kien student tal-liġi, il-kompilatur tal-*Muża Maltija* wera xeħta u ħila mhux inqas minn ta' kritiċi barranin fil-letteratura tagħhom.

* * *

JINBIEGH 1/-

DIRETTUR: Dr. Ġużè Galea, M.D., D.P.H., M.B.E.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldeska, Paula.

---

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-.
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat
lil Victor Apap, 159, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.